**Kunsill Lokali Ta Xbiex**
High Rise Apartments, Triq l-Imradd, Ta Xbiex XBX 1150
Tel: 00356 21338844 email:taxbiex.lc@gov.mt website: www.taxbiex.gov.mt

**KUNSILL LOKALI TA' XBIEX**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 62 – IL-ĦAMIS, 19 TA' JANNAR 2023 FIS-7.00PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-Boardroom.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Max Zammit | Sindku |
| | Louisa Cachia Castelletti | Kunsillier |
| | Eugenio Muscat | Kunsillier |
| | Ronald Portelli | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Oriana Calleja | Viċi Sindku |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 61**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 4.3, għandha tidhol "Fuq ir-Rampa" fl-aħħar tas-sentenza.

1.2 Is-Sur Eugenio Muscat ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Ronald Portelli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 61**

2.1 F'punt 5.2, għandu jsir sforz biex niltaqgħu mal-Manager tal-Funding tar-Reġjun.

2.2 F'punt 5.7, tħawwlu 6 siġriet minflok 2.

## 3 Pagamenti

3.1 Is-Sinjura Louisa Cachia Castelletti pproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Eugenio Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li jiġi approvat il-petty cash.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar t-tbattil tad-doggie bins. Kien hemm qbil li jsiru spot checks fuq is-servizz li qed isir.

4.2 Is-Sindku tkellem fuq l-instructor tal-keep fit li qed toffri s-servizzi tagħha lir-residenti tal-lokal. Din il-persuna ser tikkontesta l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex. Hu insista li din il-persuna għandha tkompli toffri s-servizz tagħha lil-lokal minkejja li ser tikkontesta għall-elezzjoni. Hu ppropona li din għandha tkompli bis-servizz. Ma kienx hemm sekondant.

4.3 Is-Sindku ppropona biex jinxtraw boroż ħodor għal użu ta' skart riċikabbli biex jitqassmu lir-residenti. Kien hemm qbil dwar dan.

## 5 Performance Appraisals

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-performance bonus tal-ħaddiema, tas-Segretarju Eżkuttiv preċedenti kif ukoll kurrenti. Kien hemm qbil li dawn jingħataw full performance bonus.

## 6 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar ittra legali li rċevejna dwar allegat inċident li sar minn mutur. Għandha tintbagħat risposta dwar dan mill-Avukat tal-Kunsill fejn nirrispondu li hawn ix-xogħol sar minn IM u huwa periferja ma' lokal ieħor.

5.2 Ġie innutat seminar Connecting Communities fil-24 ta' Jannar 2024.

5.3 Kien hemm diskussjoni dwar il-proġett tal-Belvedere ta' Ta' Xbiex fejn kien hemm qbil fuq il-pjanti.

5.4 Kien hemm diskussjoni dwar l-interview tas-Sinjura Astrid Pell għal post ta' Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil li għalissa l-Kunsill ikompli jaħdem b'Aġent Segretarju biex ma ikunx hemm disruption ftit xhur qabel l-elezzjoni u biex ukoll, is-Segretarju jkun magħżul mill-Kunsill il-ġdid. L-Aġent Segretarju kkonferma li hu sal-elezzjoni ser jagħmel.

5.5 Dwar l-applikazzjoni tar-restawr, kienet qed tiġi kkunsidrata s-sagristija tal-Knisja imma ġie innutat li din ma tikkwalifikax.

5.6 Il-Kunsill innota lista ta' condominium administrators fil-lokal.

5.7 Ġiet innutata korrispondenza dwar fondi Ewropea. Għandha ssir laqgħa mal-Funds Manager tar-Reġjun.

5.8 Kien hemm qbil li napplikaw għal lifelong learning. Ġie magħżul il-korsijiet li għandna napplikaw.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

6.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm.

**Max Zammit**
**Sindku**

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segetarju Eżekuttiv**